MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tad-29 ta' April, 2013

Citazzjoni Numru. 46/2013

**Joseph Ellul *sive* Ellul Mercer**

**-vs-**

**Id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ġuramentat tal-attur ippreżentat fil-21 ta' Jannar 2013 li permezz ġie premess:

Illi l-attur Joseph Ellul magħruf bħala Ellul Mercer twieled fl-24 ta' Frar 1937, kif jirriżulta mill-att ta' Twelid tiegħu numru ta' iskrizzjoni elf seba' mija u sebgħa u sittin tas-sena elf disa' mija u sebgħa u tletin (1767/1937), u kopja tal-istess Att tat-Twelid hija hawn annessa u mmarkata Dok "A";

Illi l-familja tal-attur, inkluż ħut u missier l-attur, kienu konsistentement magħruf bil-kunjom “Ellul Mercer” u dana *stante* illi n-nannu patern tal-attur kellu l-kunjom Ellul filwaqt illi n-nanna paterna tal-istess attur kienet kunjomha xebba “Mercer”, u dana kif ser jiġi ppruvat aħjar waqt it-trattazzjoni tal-kawża;

Illi fiċ-ċertifikat tal-mewt tiegħu, missier l-attur huwa mniżżel bħala Samuel Ellul Mercer, u kopja tal-istess ċertifikat tal-mewt tiegħu huwa hawn anness u mmarkat Dok “B”;

Illi l-aħwa Ellul Mercert kienu msieħba fl-istess negozju u minn dejjem kienu magħrufin bil-kunjom ‘Ellul Mercer’ kif jiriżulta mid-dokumenti hawn annessi u mmarkati bħala Dok “C” u “D”;

Illi wara żewġ sentenzi fl-ismijiet **“Harold u Hilda konjuġi Ellul *sive* Ellul Mercer vs id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku”** (Rikors Numru 1662/00) u **“Leonard u Apollonia konjuġi Ellul magħrufa bħala Ellul Mercer u Diana Ellul magħrufa bħala Ellul Mercer vs id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku”** (Rikors Numru 1138/01) li ġew mogħtija mill-Prim’ Awla tal-Qorti Ċivili fl-2001 kif ukoll fl-2002 rispettivament, ħut l-attur, Leonard u Harold, ġew awtoriżżati jbiddlu kunjomhom minn “Ellul” għal “Ellul Mercer” billi kienu konsistentement magħrufa b’dan il-kunjom, u kopji ta’ l-istess sentenzi qed jiġu hawn annessi u mmarkati Dok “E” u “F”;

Illi r-rikorrenti minn dejjem kien magħruf bil-kunjom “Ellul Mercer”, u dana fl-atti kollha tal-ħajja ċivili, inkluż il-karta tal-identita’ tiegħu, il-passaport tiegħu maħruġ fl-1967 u fiċ-ċertifikat taż-żwieġ maħruġ mid-distrett ta’ Hampstead, Gran Bretagna, li kopji tagħhom qed jiġu hawn annessi u mmarkati Dok “G” u “H”;

Illi l-fatt illi l-kunjom “Ellul Mercer” li bih l-attur huwa magħruf u li huwa l-kunjom tal-familja tal-attur ma jikkombaċjax mal-kunjom riprodott fl-Att tat-Twelid (Iskrizzjoni 1767/37) qed jikkawza nkonvenjent lill-attur

kemm fil-ħajja privata tiegħu kif ukoll f'dik pubblika, kif ser jiġi ppruvat aħjar waqt it-trattazzjoni tal-kawża;

Ilil hemm bżonn li fil-kolonna tal-Att tat-Twelid (Iskrizzjoni Nru 1767/37) "Isem u Kunjom" b'riferenza għal missier it-tarbija, jiżdied il-kunjom "Mercer" wara l-kunjom "Ellul" biex b'hekk missier it-tarbija jiġi ndikat bħala "Samuel Ellul Mercer" kif fil-fatt kien magħruf f'ħajtu, filwaqt illi għall-istess raġunijiet, omm l-attur tiġi ndikata bħala mart l-istess Samuel Ellul Mercer;

Illi l-attur jixtieq jirregola l-pożizzjoni tiegħu u jaffetwa t-tibdil neċessarju sabiex l-atti uffiċjali tiegħu kollha jirriflettu l-kunjom li bih hu magħruf;

Illi l-liġi tagħtihom din il-fakulta a tenur tal-Artikolu 253 (2) tal-Kodiċi Ċivili (Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta);

Għaldaqstant l-attur jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tordna a tenur tal-Artikolu 253 (2) (Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta) illi l-Att tat-Twelid iskritt fir-Reġistru Pubbliku bin-numru 1767/37 jiġi korrett fis-sens illi, fil-kolonna "Isem u Kunjom" b'riferenza għall-ġenituri tat-tarbija, jiżdied il-kunjom "Mercer" wara l-kunjom "Ellul" biex b'hekk missier it-tarbija jiġi ndikat bħala "Samuel Ellul Mercer" u omm it-tarbija tiġi ndikata bħala "Amelia *wife of the said* Samuel Ellul Mercer";

2. Tordna illi dan it-tibdil jiġi rifless fl-atti kollha tal-ħajja ċivili tal-atturi;

Bl-ispejjeż kontra l-konvenut li minn issa jibqa' nġunt għas-subizzjoni tiegħu.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-attur u l-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku ppreżentata fis- 7 ta' Frar, 2013, li permezz tagħha eċċepixxa:

Illi preliminarjament, qabel is-smigħ tal-kawża, b'ordni tal-Qorti għandu jiġi ppubblikat avviż fil-Gazzetta tal-Gvern tal-inqas ħmistax-il ġurnata qabel is-smigħ tal-kawża a tenur tal-**Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta**;

Illi l-attur qed jagħmel referenza għall-**Artikolu 253 (2) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta** u fl-istess ħin qed jitlob korrezzjoni fiċ-ċertifkat tat-twelid tiegħu. Ir-referenza għall-artikolu fl-ewwel talba u t-talba nnifisha huma kontraditorji;

Illi dan jingħad għaliex l-**Artikolu 253 (2)** jirreferi għal meta persuna trid li jkun hemm annotazzjoni biex hu jkun magħruf b'tali isem jew kunjom waqt li talba għall-korrezzjoni trid tiġi msejsa taħt l-**Artikolu 253 (1)** tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

Illi bla preġudizzju għas-suespost, ir-rikorrent ma jistax jitlob għall-korrezzjoni u dan għaliex ma jirriżultax mid-dokumenti li ġew mehmuża flimkien mar-rikors ġuramentat li fid-data ta' reġistrazzjoni tal-Att tat-Twelid tar-rikorrenti kien effettivament sar xi żball jew saret xi ommissjoni;

Illi, ġaladarba ma kien sar l-ebda żball jew ommissjoni, jsegwi li l-ebda bidla jew żieda ta' kunjom ieħor ma tista' tiġi effetwata lill-imsemmi att tal-istat ċivili skond id-dettami tal-**Artikolu 253 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta.** Għaldaqstant it-talba tar-rikorrenti msejsa kif inhi fuq il-korrezzjoni ma tistax tiġi milqugħa;

Illi madanakollu, ir-rikorrent jista', jekk jrid, jitlob l-awtoriżżazzjoni lil din l-Onorabbli Qorti sabiex il-premessi tal-azzjoni tiegħu jiġu mibdula b'mod li jinkwadraw ruħhom taħt il-parametri msemmija fl-**Artikolu 253 (2) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta**, u ċjoe' li:

i. it-talba tar-rikorrent kif imniżżla fir-rikors ġuramentat tiegħu tiġi <u>preċeduta</u> minn talba oħra separata li permezz tagħha titlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tiddikjara li missier r-rikorrent kien konsistentement imsejjaħ u magħruf bil-kunjom ***'Ellul Mercer'*** u mhux bil-kunjom ta' ***'Ellul'*** kif hekk jidher fl-atti tal-istat ċivili tal-attur, u

ii. ġaladarba l-kunjom Ellul indikat fl-att tat-twelid tar-rikorrent huwa kunjom missier missieru u ġaladarba wkoll li l-kunjom Mercer huwa fil-fatt il-kunjom ta' omm missieru, hekk kif jidher fl-att tal-mewt ta' missier tal-attur, u ċjoe' ċ-ċertifkat tal-mewt ta' Samuel Ellul, l-esponent jitlob li ssir annotazzjoni fis-sens li fejn jidher isem missier ir-rikorrent fl-att tat-twelid numru 1767/37, jiġi miżjud il-kliem ***'magħruf bħala Ellul Mercer'***;

Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, għal dak li jikkonċerna l-ewwel talba l-esponent umilment jirrileva li, kif hekk jesiġi l-**Artikolu 253 (2) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta**, magħdud mad-dokumenti esebiti flimkien mar-rikors ġuramentat, ir-rikorrent jrid irressaq xhieda affidabbli *viva voce* jew jippreżenta affidavits li għandhom jikkonfutaw it-teżi tiegħu ossia li tul ħajjietu missieru kien konsistentement magħruf bħala Samuel Ellul Mercer u mhux Samuel Ellul;

Illi jekk din l-Onorabbli Qorti tippermetti li jkun hemm l-annotazzjoni fl-isem il-missier tal-attur, isegwi għalhekk li l-attur għandu jagħmel talba oħra fejn jitlob lil din Onorabbli Qorti sabiex fl-att tat-twelid tiegħu jkun hemm annotazzjoni permezz tal-Artikolu 253 (2) li l-attur huwa magħruf bħala Joseph Ellul Mercer u mhux Joseph Ellul;

Illi magħdud mad-dokumenti esebiti flimkien mar-rikors ġuramentat, ir-rikorrent jrid irressaq xhieda affidabbli *viva voce* jew jippreżenta affidavits li għandhom jikkonfutaw it-teżi tiegħu, ossia li tul ħajjietu hu kien konsistentement magħruf bħala Joseph Ellul Mercer u mhux Joseph Ellul;

Illi subordinatament għal dak li jikkonċerna mal-mertu tal-kawża odjerna, l-esponent mhuwiex edott mill-fatti li ġew iddikjarati fir-rikors ġuramentat u għalhekk huwa jirrimetti ruħu għall-provi dwar it-talbiet u kif ukoll għas-savju ġudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti;

Illi bla preġudizzju għal premess, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni tar-rikorrenti m'hijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas ta' aġir tal-esponent, u kwindi

huwa m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;

Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qegħdin jiġu nġunti in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-konvenut u l-lista tax-xhieda.

Rat l-atti proċesswali kompriżi l-affidavits.

Rat il-verbal tas-seduta tal-15 ta' Marzu 2013 fejn il-kawża tħalliet għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi din il-kawża hija msejsa fuq l-artikoli 253 *et sequitur* tal-Kodiċi Ċivili li jipprovi rimedju għal persuna li tirriskontra żball fl-att tat-twelid tagħha kif ukoll biex persuna titlob reġistrazzjoni ta' isem li bih tkun magħrufa għall-familja tagħha. Il-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern saret debitament a fol 36.

Illi f'din il-kawża l-attur qed jagħmel it-talba tiegħu a bażi tal-artiklu 253 (2) għalkemm it-talba kif inhi tindika aktar is-sub-inċiż (1). Fil-fatt fl-istess rikors promotur huwa jgħid illi missieru kien żied il-kunjom t'ommu, Mercer, ma' dak tiegħu u huwa dejjem kien magħruf b'dan il-kunjom – Ellul Mercer. Id-dokumenti esebiti minnu ma jħallu ebda dubju dwar dan.

Illi madankollu l-konvenut qed jeċċepixxi l-ewwelnett li t-talba kif proposta messha saret skont is-sub-inċiz (1) u mhux (2) tal-artikolu 253, u li mid-dokumenti esebiti ma jirriżultax li kien hemm xi żball jew omissjoni fl-att tat-twelid tal-attur.

Illi rigward l-eċċezzjoni proċedurali huwa minnu li s-sub-inċiz indikat m'huwiex dak li kien indikat, iżda l-Qorti trid

tqis it-talba kif inhi u mhux l-artikolu msemmi; kwindi t-talba se titqies li hija għall-korrezzjoni.

Illi huwa minnu li *ut sic* ma jirriżultax xi żball, iżda jidher li missier l-attur indika ismu mingħajr kunjom ommu meta rreġistra t-twelid ta' wliedu. Jirriżulta nfatti mid-dokumenti esebiti li anke fir-rigward ta' ħut l-attur dawn kellhom jagħmlu kawża li ġiet deċiża favur tagħhom (**"Harold Ellul Merċer et vs Direttur tar-registru Pubbliku"** u **"Leonard Ellul Mercer et vs Direttur tar-Registru Pubbliku"**, deċizi rispettivament minn din il-Qorti diversament preseduta fil-5 ta' April 2001 u l-21 ta' Marzu 2002). Għar-raġunijiet indikati fl-istess sentenzi l-Qorti se tilqa' t-talba tal-attur; naturalment l-ispejjeż għandu jħallashom hu għaliex m'hemm xejn attribwibbli lill-konvenut għall-akkadut. Lanqas il-Qorti ma tista' tilqa' t-tieni talba peress li l-atti relattivi jridu jiġu ndikati speċifikament skont id-dispożiżżjonijiet relattivi tal-Kodiċi Ċivili.

**DEĊIŻJONI**

**Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċiedi din il-kawża billi tilqa' l-ewwel talba attriċi iżda tiċħad it-tieni talba.**

**L-ispejjeż tal-kawża jitħallsu mill-attur.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------